MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2006

Numru 472/2006

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cassar
Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

Claudio Calleja

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Claudio Calleja detentur ta' karta ta' identita' numru 265182(M) akkuzat talli:

(1) fil-Belt Valletta, nhar is-17 ta' Mejju, 2006, ghal habta ta' nofsinhar ikkommetta serq mill-fond "Sterling Jewellery" sitwat fi Triq ir-Reppublika, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u li

sar ghad-detriment ta’ Alfred Fenech – dan bi ksur ta’ l-Artikolu 263(a), 264(1), 279(b) tal-Kap 9;
(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula – bi ksur ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti wara li saqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema sommarjament;

Semghet lill-ufficjal prosekutur jghid li ma kellux aktar provi;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali, l-imputat huwa akkuzat b’serq aggravat bil-mezz u valur, kif ukoll li hu recidiv.

Illi fir-rigward is-serqa l-provi huma li fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza, persuna li sussegwentement irrisultat li kien l-imputat irnexxilu jissepara l-hgieg tal-vettrina tal-hanut li taghti ghal fuq it-triq u fejn kienu esposti varji oggetti b’tali mod li kkreja spazju sufficienti sabiex iddeffes idu u jisraq mill-vettrina. Il-kwistjoni hi jekk l-imputat seraqx arlogg wiehed jew tlieta kif indikat mill-proprjetarju tal-istess hanut. Dak li jirrisulta fic-cert dwar dan hu li l-imputat gie intercettat u mwaqqaf mill-pulizija ftit hin wara s-serqa u fuqu nstab arlogg wiehed li gie stmat ghall-valur ta’ Lm750. L-imputat jahlef li hu seraq dak l-arlogg u innega li ha arloggi ohra.

Illi meta xehed Alfred Fenech, sid il-hanut, in propositu ghan-numru ta’ arloggi li naqsu, qal li kienu tlieta izda dan irrizultalu mill-impjegati ghaliex huma “ikunu jafu bi precizjoni x’ikun hemm espost fil-vettrina”.

Illi fid-dawl ta’ dan huwa verosimili dak li jsostni l-imputat li huwa seraq arlogg wiehed liema fatt dwar li insterqu aktar arloggi f’kull kaz ma jinsabx pruvat. Dak li invece jirrisulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u kkonfermata minnu quddiem il-Qorti hu li huwa seraq arlogg li rrisulta li ghandu valur ta’ Lm750. L-akkuza ta’ serq aggravat bil-mezz u l-valur ghalhekk tirrisulta ampjament pruvata.

Illi mill-banda l-ohra r-recidiva ma tinsabx pjenament pruvata.

Ghalhekk taqta u tiddecidi l-kawza billi issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza fil-waqt li tilliberah mit-tieni. Rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279(a) tal-Kap 9. Tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija li izda qeghdha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-kap 9 tissospendihom ghal perjodu ta’ erba’ snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija f’dan iz-zmien tal-perjodu operattiv.

Rat wkoll l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat ihallas zmien xahar mill-lum lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ Lm82 spejjez inkorsi fin-nomina tal-espert.

Il-Qorti qeghdha fl-ahharnett tfisser lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu u l-konsegwenzi ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------